MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Numru 8/2003

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Elvin Abela**

**Il-Qorti**:

Dan hu appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali li, fuq ammissjoni tal-akkuzat (l-appellant odjern), ikkundannat lill-istess akkuzat, cioe` lil Elvin Abela sitt snin prigunerija, bit-tnaqqis tal-perijodu ta' l-arrest preventiv, kif ukoll skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan "ghal zmien sena mill-lum" (u ghalhekk, prezumibbilment, ghal zmien sena mid-data tas-sentenza appellata, cioe`

mit-22 ta' Mejju, 2003). Elvin Abela appella minn din is-sentenza b'rikors li jgib id-data tad-9 ta' Gunju, 2003.

Ikun opportun li tigi riprodotta dik il-parti tas-sentenza appellata minnifih wara r-rikapitolazzjoni tal-akkuzi:

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verbal li bih l-akkuzat permezz ta' Dr. Frank Cassar ta ruhu notifikat bl-avviz u rrinunzja ghal kull terminu legali favur tieghu w ddikjara li l-kawza setghet tibda fis-seduta tallum u li bih ezenta lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;

Rat illi waqt is-seduta tallum, l-akkuzat mistoqsi jekk hux hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li hu kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatu ftit taz-zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat baqa' jtenni t-twegiba li hu kien hati;

Tiddikjara ghalhekk lil Elvin Abela hati talli fid-9 ta' Ottubru, 2002, f'xi 7.30 a.m., fil-parking area tal-kumpanija CRC Components Ltd fl-Industrial Estate, tal-Marsa, ikkommetta tentattiv ta' omicidju volontarju ta' George Mangion u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li qieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll hati talli fl-istess jum, hin u lok volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli f'ammont li jiskorri l-hamsin lira Maltin (LM50) u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Kif ukoll talli fl-istess jum, hin u lok sar hati li saq motorcar Ford Fiesta numru EAH-317 b'mod perikoluz u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet ix-xiehda ta' missier l-akkuzat, Anthony Abela, dwar il-piena w partikolarment dwar il-karattru kwiet u gwejjed tal-akkuzat u l-antecedenti ta' dan l-incident;

Rat li l-akkuzat obbliga ruhu li fi zmien gimgha millum ihallas d-danni kollha fl-ammont ta' mija w erba w erbghin liri Maltin u disgha w sebghin centezmu (LM144.79c) lid-danneggjat George Mangion ghal hsara li hu kkaguna fil-vettura Hyundai Stellar HAF-595;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena;

Rat il-verbal tal-abbli Prosekutur Dr. Mark Said, fejn iddikjara illi t-Tielet Kap ghal fini tal-piena jista' jigi assorbit fl-Ewwel Kap skond l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9;

Qieset favur il-hati, l-fatt li hu rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-process u qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali, [24.2.1997]; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE, (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.);

Qieset ukoll favur il-hati l-eta` u l-kondotta incensurata tieghu kif ukoll iz-zmien li hu lahaq ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn l-akkuzi;

Hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjoni tal-abbli Difensur li kien hemm provokazzjoni sistematika da parti ta' Mangion fuq firxa twila ta' snin kif ukoll li lejliet l-incident inkwistjoni l-hati kien gie mwegga' fil-kors ta' incident iehor

li kellu fuq il-post tax-xoghol ma' l-istess Mangion kif ukoll il-fatt illi l-hati ikkoopera mal-Pulizija u ghamel stqarrija;

Rat l-artikoli 17(b)(h), 41(1)(A), 31, 211, 23, 20, 22, 325(1)(b) u 533 tal-Kodici Kriminali w l-Artikoli 15(1)(a)(2) u 18 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti ta' l-Avviz Legali numru 128 tal-1994, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali stante r-ragunijiet specjali tal-kaz konsistenti fl-antecedenti kollha ta' attrit kontinwu fuq firxa ta' snin li wasslu biex finalment gew kommessi dawn ir-reati;

Tikkundanna lill-hati Elvin Abela ghall-piena ta' sitt snin prigunerija, b'dana li minn dan il-perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn ir-reati kif ukoll tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum u invista tal-fatt li ma kienx hemm spejjez ta' perizji mhux il-kaz li jigi applikat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 invokat mill-Prosekuzzjoni fl-Att ta' l-Akkuza.

L-appell odjern hu limitat ghall-piena. L-appellant, permezz ta' l-abbli difensur tieghu[1], jissottometti li fic-cirkostanzi l-piena kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Huwa jikkontendi, bazikament u fil-qosor, li f'dan il-kaz kien hemm storja ta' attrit, fuq periodu ta' kwazi sitt snin, bejnu u bejn George Mangion. Skond l-appellant – u d-deposizzjoni ta' missier l-appellant quddiem il-Qorti Kriminali jidher li taghti xi ftit ta' kreditu lil din it-tezi – il-karattru gwejjed tieghu gab bhala konsegwenza li l-appellant kien jara lil George Mangion bhala li kien jagixxi ta' *bully* fil-konfront tieghu, u din il-percezzjoni ta' l-appellant waslet biex lejlet l-incident meritu ta' dan il-kaz, l-appellant u dan Mangion gew fl-idejn fuq hmerija, u Mangion spicca biex wegga' lill-appellant f'imniehru meta qabdu minn ghonqu u tefghu wiccu l' isfel fl-art (ara d-deposizzjoni ta' Mangion, fol. 28 u 29 tal-attijiet tal-Kumpilazzjoni). L-abbili difensur ta' l-appellant, fit-trattazzjoni tieghu tal-5 ta' Frar, 2004, kompla fisser li l-ewwel Qorti donnha kienet propensa li taghti

[1] Li ma kienx l-istess avukat li deher ghalih quddiem il-Qorti Kriminali.

piena ta' sentenza ta' prigunerija sospiza izda – forsi anke ghax giet sgwidata xi ftit mill-prosekuzzjoni – waslet ghall-konkluzzjoni li kienet prekluza bil-ligi milli taghmel hekk minhabba li l-piena ghar-reat kontemplat fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza kienet teccedi l-ghaxar snin prigunerija.

Ta min jghid ukoll kif kienet id-dinamika ta' l-incident li wassal ghall-akkuza ta' tentattiv ta' omicidju volontarju. Wara l-incident aktar 'l fuq imsemmi – jigifieri tal-gurnata ta' qabel meta Mangion wegga' lil Abela f'imniehru – George Mangion kien diehel l-ghada filghodu ghax-xoghol fil-fabbrika (fejn kien jahdem flimkien ma' Abela u numru zghir ta' nies ohra) meta f'daqqa wahda Abela, li jidher li kien qed jistennieh, saq ghal fuqu bil-karozza. Mangion dahal jistkenn bejn karozzi ohra li kienu parkeggjati fil-*parking area* tal-fabbrika, u meta, wara xi tentattiv jew tnejn biex jipprova jilhqu bil-karozza, Abela induna li bil-karozza ma seta' jaghmel xejn, huwa nizel mill-karozza tieghu b'kanna u b'sikkina f'idejh u mar jigri wara Mangion. Meta ra li lil Mangion ma kienx ser jilhqu anke bir-rigel, huwa ta daqqa bil-kanna fuq il-vettura ta' Mangion (u kkaguna l-hsara meritu tat-tieni kap tal-att ta' akkuza). L-incident gie fi tmiemu bl-intervent ta' impjegati ohra tal-fabbrika u ta' sid il-fabbrika (fejn kienu jahdmu, kif inghad, kemm Mangion kif ukoll Abela).

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-attijiet tal-kumpilazzjoni – wiehed mill-iqsar processi li qatt waslu quddiemha – u hi tal-fehma li dan il-kaz jipprezenta fattispeci insoliti hafna. Jibda biex jinghad li fuq il-provi kif kumpilati wiehed seta ragjonevolment jakkuza lill-appellant Abela sia ta' tentattiv ta' omicidju volontarju u sia ta' tentattiv ta' offiza gravi[2], izda l-Avukat Generali, fid-diskrezzjoni insindakabbli tieghu, ghazel li jakkuza b'tentattiv ta' omicidju volontarju u minghajr ebda skuzanti. Mhux hekk biss izda l-appellant, allura akkuzat, permezz ta' l-ammissjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti, gie li qabel ma' l-Avukat Generali li l-hsieb tieghu kien li

[2] Osservazzjoni, din, li jidher li kienet kondiviza anke mill-ewwel Qorti. In fatti fil-kors tat-trattazzjoni dwar il-piena l-Onor. Imhallef sedenti fil-Qorti Kriminali osserva hekk waqt li kien qed jitratta l-abbili prosekutur: "Jien ma nafx frankament ghaliex ma inghatax forsi tentattiv ta' offiza, imma issa dan li hawn hawn".

joqtol u mhux li semplicement iwegga'. Terga w tghid, l-ewwel Qorti accettat l-ammissjoni ta' Abela – wara d-debita twissija skond il-ligi – u ghalhekk l-ewwel Qorti necessarjament kienet sodisfatta li ma kienx hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita li l-akkuzat tassew kien hati tar-reat ta' tentattiv ta' omicidju volontarju (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 453 tal-Kodici Kriminali). Minkejja dan, u fuq senjalazzjoni ta' l-istess prosekuzzjoni, il-Qorti applikat l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali u nizlet taht il-minimu tal-piena applikabbli ghall-kaz (il-piena minima skond l-ewwel kap kienet ta' seba' snin prigunerija). Sinjifikanti huwa s-segwenti passagg mehud mit-traskrizzjoni tat-trattazzjoni dwar il-piena ta' l-abbili prosekutur quddiem l-ewwel Qorti:

Pros: …Jiena biex ma noqghodx indur mal-lewza u nigi ghall-punt krucjali tagmilha cara din in-naha, sur Imhallef, li fic-cirkostanzi din in-naha taqbel, m'ghandhiex oggezzjoni illi l-piena tinghata fil-minimu legalment possibbli.

Qorti: Jiena nahseb li s'hemm nista' nasal ghax prekluz m'hix [<u>recte</u>: minn] *suspended sentence* le? Bil-minimu kif inhu.

Pros: Ehe

Qorti: Ma nistax anke jekk irrid.

Pros: Hekk hu il-ghaliex il-ghaliex tiskorri l-parametri tal-piena li hemm fil-kwistjoni ta' dana.

Qorti: Jigifieri ma nistax napplika s-*suspended sentence* li kieku kienet tkun forsi fic-cirkostanzi haga li wiehed jista' jahseb fuqha, u lanqas nista' naghti s-*section* 9.

Pros: Hekk hu.

Qorti: Ghax jaqbizli l-ghaxar snin ukoll.

Pros: Hekk hu precizament. Pero` l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 mhix legalment eskluza ha nkun *fair* ma' kulhadd.

Qorti: L-Artikolu 21 meta fl-atti ma hemm xejn! Il-minimum nahseb illi…

Pros: Ghalhekk jien qed nghid illi legalment possibbli.

Qorti: Il-minimum huwa dak li tlabt int, issa daka f'wiehed minnhom imbghad jerga' ghandek…

Pros: Imbghad ghandek il-hsara volontarja u ghandel l-iskwalifika.

Qorti: Il-konkors jerga' jitla xi haga ohra hemm anke bil-*one third* tal-*minimum* ukoll terga' titla int ghax inti qed…Jien ma nafx frankament ghaliex ma inghatax forsi tentattiv ta' offiza, imma issa dan li hawn hawn.

Pros: Le, le, le Sur Imhallef bir-rispett kollu, jien *I stand* u niddefendi l-akkuza li nharget il-ghaliex il-fatti huma dawk li huma jigifieri.

Qorti: Le le issa m'hemmx taghmel [recte: x'taghmel] dik li hi. Qed tifhimha l-affari, sur Avukat. Il-problema hi illi bil-parametri li ghandha l-ligi, il-Qorti la s-*suspended sentence* ma tista' tapplika [b']dawn il-pieni li hawn hawn, u lanqas is-*section* 9. Jigifieri piena karcerarja irid ikun hemm bilfors….

Minn dan il-bran tidher cara d-diffikulta` li kellha l-ewwel Qorti biex taghti piena li tkun gusta kemm fis-sens li tkun taghmel ghall-fattispeci partikolari u insoliti tal-kaz, kif ukoll fis-sens li tkun skond il-ligi. Dak li gara effettivament hu li l-ewwel Qorti rravizat "ragunijiet specjali u straordinarji" skond l-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, izda waslet biex nizlet biss sa sitt snin prigunerija. Anqas kienet proprjament korretta l-ewwel Qorti meta esprimiet ruhha fis-sens li ma setghetx taghti sentenza ta' prigunerija sospiza: jekk hija kellha tqis – b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 – li l-piena gusta ghar-reat jew reati *de*

*quo* kienet tkun dik ta' sentejn prigunerija irrispettivament mis-setgha li tissospendi, allura hija setghet in segwitu ikkunsidrat jekk fil-fatt ghandhiex hekk tissospendi.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li galadarba l-ewwel Qorti rriskontrat "ragunijiet specjali u straordinarji" (proprjament fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti semmiet il-kliem "ragunijiet specjali" biss u mhux ukoll il-kelma "straordinarji" – din il-Qorti, pero`, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korrettement qed tapplika l-Artikoli 21 peress li "l-antecedenti kollha ta' attrit kontinwu fuq firxa ta' snin li waslu biex finalment gew kommessi dawn ir-reati" jammontaw, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, kemm ghal ragunijiet specjali kif ukoll ghal ragunijiet straordinarji), l-ewwel Qorti kien messha tinzel aktar fil-piena. S'intendi, ir-reat ta' tentattiv ta' omicidju volontarju jibqa' wiehed serju hafna u li rarament biss jista' jaghti lok ghall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tal-Kap. 9. Din il-Qorti, pero`, innutat ukoll li fil-mori ta' l-appell George Mangion hafer inkondizzjonatament lill-appellant u stqarr quddiem din il-Qorti li hu hassu ferm sorpriz kif dik li ghalih kienet semplici glieda setghet twassal biex Abela jehel sitt snin prigunerija.

Fic-cirkostanzi ferm partikolari ta' dan il-kaz din il-Qorti hi tal-fermha li, b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali – gà applikat mill-ewwel Qorti – ghandha tirriduci l-piena ghal sentejn prigunerija, u dan wara li qieset ukoll il-fatt li l-appellant digà ghamel kwazi disa' xhur inkarcerat wara l-ghoti tas-sentenza tal-Qorti Kriminali. Inoltre din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tissospendi is-sentenza ta' prigunerija ghall-periodu ta' erba' snin mill-lum u tannetti mieghu ordni ta' supervizjoni.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha biss f'dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat ghall-piena ta' sitt snin prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija; u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li din is-sentenza ta' sentejn prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk, matul il-periodu ta' erba' snin mil-lum, hu jikkommetti reat iehor li ghalih

hemm piena ta' prigunerija, u tordna wkoll, a tenur ta' l-Artikolu 28G ta' l-imsemmi Kodici, li l-hati jkun taht is-supervizjoni ta' l-Ufficjal tal-*Probation* Mariella Camilleri ghaz-zmien tal-periodu operattiv kollu, u ghal dana l-fini qed taghmel l-ordni infraskritt; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. Din il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbiltà tieghu kemm taht l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti matul il-periodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija, kif ukoll taht l-Artikolu 28G(9) jekk huwa ma jikkonformax ruhhu ma' xi htiega li hemm fis-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 28G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------